MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 376/2006

**Perit Dom Mintoff (ID Nru 371216(M)**

**Vs**

**Daphne Caruana Galizia u Noel Grima**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l–attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lir-rikorrenti is-somma li din l-Onorabbli Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra billi attribwewlulu fatti determinanti bi skop li jnaqqsulu r-reputazzjoni u joffendu l-isem u l-fama tieghu jew jesponu ghar-redikolu jew disprezz tal-pubbliku permezz ta' artikolu bit-titolu, "*Oh please, sit down and shut up"* u li deher stampat fil-harga tal-gazzetta ta' nhar ta' Hadd 'The Malta Independent on Sunday" tat-12 ta' Novembru, 2006 u li huma wkoll accessibbli mill-Internet

fuq is-“site” www.independent.com.mt u li kopja taghha hi annessa u mmarkata Dok A1 sa A2 rispettivament.

U billi kitbu u/jew, fil-kwalita’ tieghu ta’ editur responsabbli ppubblika, fil-gurnal ta’ nhar ta’ Hadd, “The Malta Independent on Sunday” u fuq l-Internet fis-site www.independent.com.mt l-istess artikolu fir-rikors imsemmi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 u fol 3 tal-atti u markati Dok A1 u Dok A2.

Rat ir-risposta tal-konvenuti (fol 31 ibid) u li biha l-konvenuti esponew bir-rispett:-

1. Illi, in linea preliminari, din il-kawza hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 32 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Illi, minghajr pregudizzju u subordinament, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-artikolu *de quo* mhuwiex libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur billi fl-artikolu imsemmi hemm biss fatti veri u li jigu pruvati u kummenti li jikkonsistu f’*fair comment* dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku u kritika accettabbli f’socjeta’ demokratika, kemm taht il-Ligijiet ta’ l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari kif proposta mill-konvenuti, jigu rilevati s-segwenti punti:-

a) L-artikolu 32 tal-Kapitolu 246 tal-Ligijiet ta’ Malta jispecifika perjodu specjali ta’ preskrizzjoni tal-azzjoni bhal

dik in esami, bazata fuq l-artikolu 28 tal-istess Kapitolu, liema, perjodu hu dak ta' sena'.

b) Fil-kaz in desamina, l-artikolu li minnu jilmenta r-rikorrenti gie pubblikat fit-12 ta' Novembru 2006. Sussegwentement gie presentant ir-rikors in esami fit-30 ta' Novembru 2006, ben entro l-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi.

c) Dwar in-notifika tal-konvenuti, Noel Grima kif jidher mir-rifeta a fol 30 "a tergo" kien gie notifikat bir-rikors promotur fid-29 ta' Jannar 2009 waqt li saret in-notifika tal-konvenuta fit-18 ta' Frar 2009 (ara ukoll dak verbalizzat a fol 34 ibid waqt is-seduta tat-25 ta' Frar 2009). Pero jigi rilevat ukoll, illi il-konvenuta, flimkien mal-konvenut, ppresentat ir-risposta taghha fl-4 ta' Frar 2009.

d) Mill-lat legali, hu importanti, sabiex tigi deciza din l-eccezzjoni li ssir referenza ghall-artikoli tal-Kodici Civili, kif ser jinghad:-

(i) L-artikoli 2137 jghid illi l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' azzjoni jibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni setghet tigi esercitata.

(ii) L-artikoli 2128 jirreferi ghal ksur ta' preskrizzjoni permezz ta' att gudizzjarju presentat u notifikat lill-parti l-ohra.

(iii) L-artikolu 2130(1) jispecifika illi il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-artikoli 2130(2) u 2131 tal-Kodici Civili, ghal ragunijiet ovvji, ma humiex applikabli ghal dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li hu minnu illi ir-rikors in esami kien gie presentat ftit granet wara li gie publikat l-artikolu in esami fuq il-mezzi specifikati fl-istess rikors.

Illi, pero, ir-rikorrenti kellu zmien sa xahar wara li skada l-perjodu ta' preskrizzjoni sabiex, effettivament, il-preskrizzjoni setghet tinkiser.

Illi, f'dan il-kaz, in-notifika tal-konvenuti kellha ssir sat-12 ta' Novembru 2007. Pero kif jidher minn dak gja premess in-notifika tal-konvenuti bir-rikors promotur saret ferm wara u ghalhekk l-istess rikors promotur ma jistax jigi ritenut bhala effettiv sabiex tkun inkissret il-preskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari kif sottomessa mill-konvenuti u tiddikjara din l-azzjoni bhala estinta. In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tordna li dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------